**FIL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAGISTRAT DR JOSEPH CASSAR BA. LL.D.**

**Illum, 2 ta' Ottubru 2001**

**Rikors Nru: 98/99B**

**Mario Galea Testaferrata, il-Perit Professur Richard England A&IC, in-Nobbli Markisa Beatrice Cremona Barbaro, in-Nobbli Mary Gollcher, in-Nobbli Gladys Zammit Tobona, in-Nobbli Cecilia Bellier, in-Nobbli Edwina Pollitt, Victor Sant Fournier, Alfred Sant Fournier u Carmelo Sant Fournier**

**Vs**

**Valhmor Borg Import/Export Limited**

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' l-esponenti:

Illi huma jikru lis-socjeta intimata l-hanut numru 19, Old Theatre Street, Valletta versu l-kera annwali ta' sittin lira Maltin (Lm60) pagabbli bil-quddiem, bl-iskadenza li jmiss taghlaq fl-ewwel (1) ta' Awissu 2000;

Illi s-socjeta intimata ilha zmien twil ma tuza' l-istess fond, tant illi dan l-ahhar dejjem jinsab maghluq, kif ser jigi ppruvat f' katar dettal waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, bil-konsegwenza illi is-socjeta intimata biddlet id-destinazzjoni ta' l-istess fond minghajr ebda raguni valida;

Illi dan in-nuqqas serju da parti tas-socjeta intimata jikkostitwixxi raguni valida fil-ligi, kif stipulat fl-artikolu 9 (a) tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex tintalab ir-ripresa tal-fond de quo;

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett lil dan il-Bord, ghar-ragunijiet fuq premessi, li jigu awtorizzati ma jgeddux il-lokazzjoni tal-fond numru 19, Old Theatre Street, Valletta fl-iskadenza li tmiss, u cioe' fl-ewwel (1) ta' Awissu 2000, u konsegwentement li jirriprendu pussess tal-istess fond fi zmien qasir u perentorju li dan il-Bord jkun jidhirlu xieraq jiffissa.

Ra r-risposta tas-socjeta intimata li qalet:

1. Illi l-pretenzjonijiet tar-rikorrenti kif dedott fir-rikors odjern huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-fond 19, Old Theatre Street, Valletta qed jigi uzat ghall-iskop li ghalieh kien gie mikri u ghahekk ma sar l-ebda bdil ta' destinazzjoni tal-istess fond.

Ghaldaqstant it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema x-xhieda bil-gurament

Ra d-dokumenti esebiti

Ra l-atti

Ra l-verbal tad-19 ta' Gunju 2001

Ikkunsidra,

1. Il-kawzali hija wahda: hanut m' hux uzat, maghluq. Jigifieri non-uzo li l-gurisprudenza tghallem li jitqies bhala bdil ta' destinazzjoni.

2. Mix-xhieda ta’ John Micallef, prodott mis-socjeta’ intimata u li jiehu hsieb ta’ l-amministrazzjoni ta’ l-istess u qieghed jghin fix-xoghol lic-chairman, il-post ilu mikri ghand is-socjeta’ intimata ‘ghal snin twal’.

3. Mid-dokument a fol 19 (MCT4) jirrizulta li fuq il-post kien hemm licenzja f’ isem certu Anthony Micallef mill-Belt ghall-bejgh ta’ hwejjeg. Micallef illum huwa mejjet. Il-licenzja harget fl-1974 u la ma thallsitx waqghet fl-1993.

4. Skond ix-xhieda tar-raprezentant tal-Korporazzjoni ta’ l-Ilma il-post hu registrat fuq Vincent Micallef. Il-meter ilu ma jinqara mill-1993.

5. Il-kera dejjem thallset mis-socjeta’ intimata skond l-imsemmi xhud, John Micallef (ibid) li jghid ukoll li s-socjeta’ kellha l-jedd li tissulloka l-fond. Dan il-jedd issemma biss fl-ahhar seduta:

“…….konna dahhalna partner maghna, fetah il-hanut” (fol 40)

Haga tassew stramba li x-xhud fil-kawza li ghandu kariga ta' importanza ma jiftakarx lil min saret is-sullokazzjoni (ibid).

6. Il-Bord ma jafx jekk hemmx xi rabta fid-demm bejn Anthony Micallef li kellu l-licenzja (illum mejjet), Vincent Micallef (il-fond kien registrat fuqu ghall-konsum ta’ l-ilma) u x-xhud John Micallef.

7. Fuq mistoqsijiet tal-Bord John Micallef wiegeb (ibid)

Mistoqsija:

“Ghamel xi zmien maghluq dan il-post?”

Twegiba:

“Il-post, il-post jekk m’ inhiex sejjer zball ghamel xi sena, sentejn maghluq.

Mistoqsija:

"Minhabba x' hiex?"

Twegiba:

"Il-post kien qieghed ghand haddiehor sakemm ahna bdejna nakkordaw x' ha naghmlu bih, il-hanut naturalment ghadda z-zmien." (sottolinear tal-Bord)

8. Wara (fl-1998) s-socjeta' intimata riedet tiftah 'hanut biz-zraben' (fol 38) u ttella sular iehor. Talbet lir-rikorrent li tixtri l-fond (fol 34) li minn naha tieghu ma accettax (fol 35).

9. Mix-xhieda ta' Micallef, li f' din il-kawza hu l-protagonist, jidher li s-socjeta' intimata qed tghid li hija riedet tixtri u tirranga l-fond, is-sid ma accettax u f' daqqa ghamel dan ir-rikors. Is-socjeta' kienet bdiet taghmel xi xogholjiet.

10. Mill-provi migjuba, izda jirrizulta li almenu mill-1993 l-hanut ghalaq. Ghalkemm bniedem jista' juza post bla ma jhallas tal-licenzaja lil Awtorita', f' dan il-kaz il-fatt li l-licenzja waqghet, li l-meter tad-dawl ma setax jinqara, x-xhieda ta' Micallef prodott mis-socjeta' intimata, x-xhieda tar-rikorrent Maria Galea Testaferatta (fol 11) u dik ta' ibnu (fol 13) ma jistghux hlief wasslu ghal din il-konkluzzjoni – non-uso tal-fond ghal snin. It-talba lis-sid ghax-xiri u l-bidu ta' xi xogholijiet kollha saru fl-1998 meta l-hanut kien inghalaq ghalmenu hames (5) snin qabel.

11. Is-sid meta sar jaf b' dan in non-uzo ma accettax kera u ma jistax bl-ebda mod jigi argumentat li ghax is-sid kien qed jiehu l-kera qabel akkwiexxa ghal dak li kien qed jigri. Hanut il-Belt, li tithalla taqa' l-licenzja tal-pulizija minn fuqu u ma jinfethax ghal snin igieb hsara irreparabbli ghas-sid.

Billi l-fond izomm maghluq ghal snin il-Bord jilqa' t-talba tar-rikorrenti, jawtorizzahom jergghu jiehdu f' idejhom il-fond 19, Triq it-Teatru l-Belt; ghall-

fini ta’ l-izgumbrament jipprefiggi t-terminu ta’ xahar m’ illum; l-ispejjez jithallsu mis-socjeta’ intimata.

Dep.Reg Magistrat